**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 30/2010**

**Illum: 27 ta' Ottubru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Sandro Mifsud**
**ID: 199673(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Sandro Mifsud, iben Michael u Maria nee` Azzopardi imwieled Pieta` fit-13 ta' April 1973, detentur ta' karta tal-identita` numru 199673(M) u residenti gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin:

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-1 ta' Ottubru 2009 ghall-habta tas-6.00 hrs fil-post ta' rijabilitazzjoni SATU waqt li kien ghal programm kontra d-droga, instab li kien posittiv ghas-sustanza tad-droga *cannabis*, kellu fil-pussess tieghu d-droga *cannabis*, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-

President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas il jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli dan ir-reat twettaq waqt li kien prigunier gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u waqt li kien qed jaghmel programm kontra l-vizzju tad-droga bi ksur tal-Artikolu 33A(1), (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex, liema sentenza saret definittiva fil-5 ta' Gunju 1997 u ma tistax tinbidel (Art. 49, 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-partijiet ezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar l-1 ta' Ottubru 2009, ghall-habta tas-6:30 a.m., meta l-imputat, dak iz-zmien prigunier, kien qieghed gewwa s-*Substance Abuse Therapeutic Unit* (SATU), fl-Imtahleb, fejn kien qed isegwi programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, ittehidlu kampjun tal-urina ghall-gharrieda u wara analizi tal-istess, dan irrizulta pozittiv ghall-presenza tas-sustanza *cannabis*. L-imputat gie infurmat b'dan ir-rizultat u gie mitkellem mill-Ufficjal SCO Raymond Xuereb, fil-presenza ta' SCO George Farrugia, it-tnejn Magguri fl-imsemmija *Unit*.

Quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti, Dr. Paul Felice, l-istess Raymond Xuereb xehed hekk dwar dan: "*Infurmajt lil Sandro Mifsud bir-rizultat tat-test u infurmajt ukoll lill-kollega tieghi l-Maggur George Farrugia li sussegwentement ra r-rizultat tat-test. Kien f'dan il-hin li Sandro Mifsud ammetta minn jeddhu li kien uza l-haxixa, u li kien tellaghha mieghu mill-habs. ... Tlabt lis-Sur Sandro Mifsud biex jaghtini li kien fadallu, u dak il-hin stess hareg bicca foil tal-pakkett ta' sigaretti mitwijja li fiha bicca kannella zghira. Fiha madwar nofs centimetru kubiku. Staqsejthu jekk kienetx haxixa u ammetta li kienet tassew haxixa.*"[1] Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, ix-xhud jikkonferma li la darba kkonfrontat bir-rizultat tal-analizi li saret, l-imputat "*ammetta li kien ghad baqghalu igifieri, ghidtlu "mur gibha" u gabha li kien baqghalu … jien nahseb li haxixa kienet ...*".[2]

L-istess jixhed SCO George Farrugia li jghid illi wara li l-Maggur Raymond Xuereb ghamel analizi fuq il-kampjun tal-urina moghti mill-imputat, l-istess Maggur sejjahlu biex jikkonferma r-rizultat u kkonfermaw li t-test kien pozittiv ghas-sustanza *cannabis*. Ikompli hekk: "*Ikkonfrontajna lil Sandro Mifsud dwar ir-rizultat, u ammetta li kien uza l-haxixa. Tlabnih itina li kien fadallu u dak il-hin stess hareg bicca foil kulur dehbi li fih sustanza ta' lewn kannella. Harigha minn gewwa l-but tal-qalziet.*"[3] F'dan is-sens, xehed ukoll l-istess SCO George Farrugia fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri.[4] F'xhieda tieghu ohra sussegwenti[5], mistoqsi mill-Qorti jekk l-oggett ossia s-sustanza suspettata droga kienux instabu wara li saret tfittxija, ix-xhud jghid "*Le, ahna kellna s-suspetti taghna u meta ghajjatnilu fl-ufficju huwa kien tghana kollox hu*" ossia skont hu, "*bicca zghira li kienet tidher li qisha droga*".

Jirrizulta wkoll mill-provi prodotti illi wara dan l-incident, l-imputat ittiehed lura lejn il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, ghaliex kien kiser wahda mir-regoli tal-programm.

Mill-atti tal-process verbal li gie redatt in konnessjoni ma' dan il-kaz, jirrizulta wkoll illi l-imputat deher quddiem l-espert inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti, Dr. Paul Felice, nhar is-7 ta' Ottubru 2009 u wara li l-istess espert spjegalu illi dak kollu li jixhed quddiemu, jista' jintuza bhala prova kontra tieghu, l-istess imputat ghazel li ma jixhidx dwar dak li kien gara.[6] In oltre minn kopja tal-istqarrija

---

[1] Ara x-xhieda a fol. 44 tal-process verbal li jinsab esebit a fol. 34 tal-process.
[2] Ara x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, a fol. 38 u 39 tal-process.
[3] A fol. 46 u 47 tal-process verbal.
[4] Ara x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri a fol. 35 sa 37 tal-process.
[5] A fol. 45 sa 47 tal-process.
[6]

rilaxxjata mill-imputat nhar l-1 ta' Ottubru 2009, wara li nghata s-solita twissija skont il-ligi, jirrizulta illi l-imputat ma wiegeb ghall-ebda domanda li saritlu, kif kellu kull dritt li jaghmel.[7]

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[8] u mix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri[9], jirrizulta illi fl-estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella (ossia s-sustanza in kwistjoni) instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, sustanza li tigi mill-pjanta tal-kannabis. Il-piz tas-sustanza kien ta' 0.15 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 12%.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi s-sottomissjonijiet tad-difiza f'dan il-kaz jirreferu lkoll ghall-fatt illi wara li nstab illi l-imputat kien fil-pussess tas-sustanza in kwistjoni, huwa gie sospiz mill-programm gewwa s-SATU u ttiehed lura lejn il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk, skont id-difiza, l-imputat diga` kien gie punit dwar il-fatti mertu ta' dawn il-proceduri u per konsegwenza ghandu japplika l-principju *ne bis in idem.*

Biss it-thassib ta' din il-Qorti huwa dwar fattur iehor li jincidi fuq il-kaz odjern. Jirrizulta mill-provi riprodotti izjed 'il fuq, illi hekk kif il-kampjun tal-urina li ttiehed lill-imputat immarka fil-posittiv ghas-sustanza *cannabis*, l-imputat gie kkonfrontat b'dan ir-rizultat, f'liema hin huwa ammetta li kien ghamel uzu mill-*cannabis* u li kien ha din is-sustanza mieghu gewwa s-SATU mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Wara din l-ammissjoni, huwa gie mitlub mill-Ufficjali sabiex jipproduci dak li kien ghad fadallu minn din is-sustanza u f'dak il-waqt, huwa hareg sustanza zghira mill-but tal-qalziet tieghu u ghaddiha lill-istess Ufficjali. Huwa evidenti ghall-Qorti illi la darba muniti bir-rizultat tal-analizi tal-kampjun tal-urina, l-Ufficjali msemmija kellhom suspett ragjonevoli illi l-imputat kien qed jabbuza minn sustanza illecita u ghaldaqstant ghaddew minnufih sabiex ikellmuh u jikkonfrontawh bir-rizultat ta' dan it-test. Dan wara kollox jghidu wkoll ix-xhud George Farrugia.[10] Minn imkien mill-atti, madankollu, ma jirrizulta illi qabel gie mitkellem, l-imputat inghata t-twissija skont il-ligi, illi huwa kellu d-dritt li jibqa' sieket u li dak li jghid seta' jingieb bhala prova. Minkejja li dak il-hin l-imputat kien suspettat u cioe` kien hemm suspett ragjonevoli fil-konfront tieghu illi huwa kien qed jabbuza mis-sustanza *cannabis*, huwa gie mitkellem u ma

---

[7] Ara din il-kopja tal-istqarrija, a fol. 44 tal-process. Ix-xhud PC 562 Norbert Grech ikkonferma illi din kienet l-istqarrija li ttiehdet lill-imputat u li huwa kien xhud tal-istess (a fol. 48 u 49 tal-process).
[8] Esebita a fol. 32 tal-process verbal.
[9] Ara din ix-xhieda a fol. 66 u 67 tal-process.
[10] Ara a fol. 46 tal-process.

jirrizultax illi huwa inghata din it-twissija bazika u kien hawn li ammetta li ghamel uzu mis-sustanza. Mhux biss, izda wara li huwa stqarr li kien gab din is-sustanza mieghu mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, gie addirittura mitlub li jipproduci dak li kien ghad fadallu minnha u huwa ghamel dan, biex b'hekk inkrimina ruhu. Kien a bazi tad-dikjarazzjonijiet u s-sussegwenti produzzjoni da parti tieghu tas-sustanza in kwistjoni li l-imputat gie addebitat bir-reat ta' pussess tad-droga *cannabis* fil-kaz odjern.

Il-Qorti tirrileva illi fiz-zmien in kwistjoni, persuna suspettata jew arrestata ma kellhiex id-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju taghha, ghaliex dan il-jedd dahal fis-sehh fil-ligi Maltija fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010 u fil-fatt l-imputat ma nghatax u ma setax jinghata dan il-jedd. F'dan ir-rigward, il-posizzjoni legali llum hija wahda cara. Bizzejjed illi l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg v. Malta**, kif ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor** tal-1 ta' Dicembru 2016, fejn hemmhekk il-Qorti ghamlet referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ossia **Carmel Saliba vs Avukat Ġenerali** tas-16 ta' Mejju 2016, **Stephen Nana Owusu vs Avukat Ġenerali** tat-30 ta' Mejju 2016, **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et** tal-24 ta' Gunju 2016 u **Aaron Cassar vs Avukat Ġenerali et** tal-11 ta' Lulju 2016 u ghaddiet sabiex tiddeciedi illi "*the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons must today be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement.*" Ghalkemm fil-kaz odjern, l-imputat ma giex mitkellem fil-kuntest ta' interrogatorju mill-pulizija, biss l-istess principji ghandhom japplikaw fir-rigward ta' diskors li jinghad minn persuna suspettata – f'dan il-kaz l-imputat – lill-Ufficjali tal-Habs, liema diskors sussegwentement jintuza bhala prova fi proceduri li jittiehdu kontra tieghu.

Biss apparti minn dan kollu, kif inghad, ma jirrizultax illi l-imputat gie mwissi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u kien f'dan il-kuntest li gie wkoll mitlub mill-Ufficjali tal-Habs sabiex jipproduci l-prova (ossia s-sustanza li kellu fil-pussess tieghu) li finalment, flimkien mad-diskors li huwa qal lill-istess Ufficjali, qed tintuza fil-proceduri odjerni in sostenn tal-imputazzjoni ta' pussess tad-droga *cannabis* addebitata lilu. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta' Novembru 2012, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri**, f'liema kaz il-Qorti kienet qeghda tqis il-fatt illi l-appellat ma kienx gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx ghad-domandi li jsirulu, inghad hekk:

"*Fic-cirkostanzi, ma jistax jinghad li l-appellat kien moghti ghazla li jibqa' sieket. Fil-kaz tal-lum ma hemm l-ebda allegazzjoni illi l-appellat kien mhedded jew imqarraq b'weghdiet ta' xi vantagg. Hemm pero` l-kwistjoni, li din il-Qorti tqis gravi, illi l-appellat ma nghatax il-libertà fl-ghazla jekk iwegibx jew le u b'hekk kien privat minn garanzija kontra kull pregudizzju jew riskju ta' awto-inkriminazzjoni. Fil-ligi taghna kif kienet fiz-zmien relevanti ghal kaz tal-lum, u cioe` qabel ma dahhlu fis-sehh l-Art. 355AT u 355AU tal-Kodici Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma twegibx ghal mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kundizzjonijiet. Ghalkemm fiz-zmien tal-kaz tal-lum, l-appellat ma setax jaghzel li jkellem avukat qabel ma jwiegeb, ma kienx liberu li jaghzel illi ma jwegibx id-domandi li saru mill-pulizija qabel u waqt it-tfittxija mill-pulizija tas-7 ta' Settembru 2006 ghaliex ma nghatax it-twissija. Din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma illi kien hemm ksur tal-jedd tal-appellat ghal smigh xieraq.*"

Fil-kaz odjern huwa relevanti wkoll fil-fehma tal-Qorti, illi sussegwentement l-imputat ghazel li ma jixhidx la darba moghti t-twissija da parti tal-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti (ghalkemm f'dan l-istadju inghad lilu biss illi dak li kien ser jghid seta' jintuza bhala prova) u izjed tard, ghazel li ma jghid xejn u ma wiegeb ghall-ebda domanda meta gie interrogat mill-pulizija, wara li nghatat lilu d-debita twissija. Effettivament dak li qal u ghamel l-imputat minghajr ma jirrizulta illi nghata t-twissija skont il-ligi, jikkostitwixxu l-unika prova li ngabet kontra tieghu f'dawn il-proceduri in sostenn tal-imputazzjoni odjerna, liema prova l-Qorti, a bazi tal-premess, hija tal-fehma li ghanda tigi skartata bhala inammissibbli. Tqis f'dan ir-rigward u fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, illi d-dritt tal-imputat ghas-silenzju huwa tant assolut fil-ligi taghna, illi n-nuqqas tieghu ma jistax ghajr iwassal ghall-inammissibilita` tal-prova miksuba fl-ambitu ta' tali nuqqas. Altrimenti fil-fehma tal-Qorti, tali dritt jissarraf fix-xejn u jigi rez irrizorju.

Skartati dawn il-provi, il-Qorti tinnota illi ghalkemm jidher li gie esebit ukoll it-*test kit* li permezz tieghu sar l-analizi tal-kampjun tal-urina li ttiehed lill-imputat, li rrizulta posittiv ghat-tehid tas-sustanza *cannabis*, tqis illi dan ir-rizultat ma jistax jittiehed bhala prova li twassal ghall-htija fil-grad rikjest mil-ligi u dan ghaliex fl-ewwel lok, il-precizjoni tal-istess test ma jirrizultax mill-atti u fit-tieni lok, fi kwalunkwe kaz, l-imputazzjoni odjerna tirreferi specifikatament ghall-1 ta' Ottubru 2009, meta huwa evidenti illi l-fatt li t-test li ttiehed lill-imputat sar dakinhar ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni, fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra, illi fl-istess jum huwa kien fil-pussess tad-droga u dan ghaliex huwa risaput illi l-*cannabis* tibqa' fis-sistema tal-gisem ghal numru ta' jiem wara l-uzu taghha.

Fid-dawl tas-suespost, ghalhekk, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

Konsegwentement, la darba mhux qed tinstab reita` fl-imputat dwar l-ewwel imputazzjoni, lanqas ma tista' l-Qorti tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew titratta mal-imputat bhala recidiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata minn tali distruzzjoni.

La darba l-imputat qed jigi liberat mill-imputazzjonijiet odjerni, il-Qorti mhijiex tordna lill-istess imputat sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat